Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,718, 13 ta' Ottubru, 2021
Taqsima B

A.L. 386 tal-2021

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(Kap. 327)

Ir-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2021 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 għat-Tmexxija tal-Eżamijiet tal-Matrikola u għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja, ippubblikati bħala Avviż Legali 132 tal-2013, li minn hawn 'l quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-eżamijiet li jsiru mill-1 ta' Jannar, 2021 'il quddiem.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok ir-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Kompożizzjoni tal-*Panels* għas-Suġġett**

4. Il-kompożizzjoni ta' kull *panel* għandha tkun kif ġej:

(1) *Il-Panels* tas-Sillabu: Il-membri tal-*Panels* tas-Sillabu huma magħżula għall-kapaċitajiet li jistgħu joffru u wara konsultazzjoni mal-korpi konċernati. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, jista' jiġi maħtur konsulent. Wieħed mill-membri jkun iċ-*Chairperson*.

(a) Fil-każ tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja:

(i) il-*Panel* tas-Sillabu għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-istaff akkademiku tal-Università, mid-Direttorat kompetenti tal-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni, mill-Kulleġġ Malti tal-Arti, ix-Xjenza u t-Teknoloġija (MCAST), mill-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS), mill-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel tal-Knisja u mill-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel Privati, kif xieraq;

(ii) in-numru tal-istaff akkademiku tal-Università m'għandux jeċċedi, sakemm hu possibbli, nofs in-numru totali tal-membri tal-*panels*; u

(iii) in-numru tal-*Panels* tas-Sillabu mmexxija minn membri tal-istaff akkademiku tal-Università m'għandux jeċċedi nofs in-numru tal-*panels*.

(b) Fil-każ tal-Eżami tal-Matrikola, *Panel* tas-Sillabu għas-suġġetti fil-Livell Avvanzat u f'dak Intermedju għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-istaff akkademiku tal-Università u minn rappreżentant minn kull istituzzjoni post-sekondarja rikonoxxuta mill-Bord tal-MATSEC. Iċ-*Chairperson* tal-*Panel* tas-Sillabu għandu jkun magħżul mill-Bord tal-MATSEC wara konsultazzjoni mal-kap tad-Dipartiment tal-Università ta' Malta fejn is-suġġett huma mgħallem, kif applikabbli.

(ċ) Il-*Panels* tas-Sillabu kollha għandhom ikunu maħtura mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-MATSEC.

(2) Il-*Panels* tal-*Paper Setters*: Il-*Panel* tal-*Paper Setters* għandu jkun magħmul mill-inqas minn żewġ membri, li wieħed minnhom ikun iċ-*Chairperson.* Il-*panel* għandu jkun maħtur mis-Senat tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-MATSEC.

(3) Il-*Panels* tal-*Markers:* Il-*Panel* tal-*Markers* għandu jkun magħmul mill-inqas minn żewġ membri. Il-*Panel* ikun immexxi miċ-*Chairperson* tal-*Panel* tal-*Paper Setters*. Il-*panel* ikun maħtur mis-Senat tal-Università fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-MATSEC."

L-Emenda għar-regolamenti 5, 7, 10, 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali

4. Fir-regolamenti 5, 7, 10, 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali minflok il-kliem "MATSEC Support Unit" għandhom jidħlu l-kliem "MATSEC".

L-Emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Verifika Interna u Esterna**

8. Il-valutazzjoni tas-suġġetti mmarkati b'asterisk fir-Regolamenti tal-2014 tal-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja għandhom ikunu soġġetti għal verifika.

(a) Għal kull wieħed minn dawn is-suġġetti għandu jiġi maħtur mis-Senat Verifikatur Estern, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-MATSEC.

(b) Ir-rwol tal-Verifikatur Estern huwa li jiżgura li l-ippjanar, it-tagħlim u l-valutazzjoni tal-programm jilħaq il-livell mistenni mill-Bord tal-MATSEC. Il-Verifikatur Estern għandu wkoll jagħmel suġġerimenti dwar it-titjib tal-kwalità kif meħtieġ.

(ċ) Il-Verifikaturi Interni, maħtura mill-iskejjel responsabbli għall-istudenti li qegħdin jieħdu s-suġġett, għandhom jivverifikaw li x-xogħol ippreparat mill-għalliema jilħaq il-livelli meħtieġa u li d-deċiżjonijiet tagħhom dwar il-valutazzjoni huma ġusti u konsistenti. Il-Verifikatur Estern għandu jsegwi u jirrapporta dwar il-verifika interna.

(d) Il-Verifikatur Estern għandu jmexxi lill-*Panels* tal-*Paper Setters* u tal-*Markers* għal dawn is-suġġetti. Dawn il-*Panels* għandhom ikunu responsabbli għall-preparazzjoni tal-valutazzjonijiet kkontrollati u għall-preparazzjoni u għall-immarkar tat-testijiet sinottiċi għal kull Taqsima kif speċifikat fis-sillabu.

(e) Il-Verifikatur Estern għandu jimmodera r-riżultati tal-valutazzjonijiet ikkontrollati u tat-testijiet sinottiċi."

L-Emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Kumitat tad-Dixxiplina għandu jkun magħmul miċ-*Chairperson* tal-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC, mid-Direttur tal-MATSEC, mill-*Principal Subject Area Officer* responsabbli għas-suġġett li fih seħħet l-irregolarità, minn membru maħtur mill-Bord tal-MATSEC u miċ-*Chairperson* tal-*Panel* tal-*Markers* tal-eżami, kif xieraq."